*- TRAVELLER'S CHEQUES –*

*- PURCHASE CONDITIONS -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 6 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru : 14**
**Citazzjoni Numru 731/97/RCP**

**Rita Elnily gia Delmar**

**vs**

**Dr. Nives Grixti u P.L. Gerald Bonello nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` estera Thomas Cook Group ta' 45, Berkley Street, Londra, Ingilterra**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-3 ta' April 1997 a fol. 1 tal-process fejn ippremettiet:-

Illi fis-17 ta' Novembru 1995, l-attrici xtrat u akkwistat minghand il-Bank of Valletta Limited (International Division) *Traveller's cheques* mahruga mis-socjeta` konvenuta, ghall-valur totali ta' sebat elef u tmenin dollaru American (USD 7080), rapprezentanti s-somma, f' valuta Maltija, ta' elfejn, hames mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2522.78); u

Illi waqt illi kienet gewwa l-Egittu, l-attrici tilfet it-*traveller's cheques* in kwistjoni, u sussegwentement ghamlet ir-rapport relattiv kemm mal-Pulizija lokali, kif ukoll fl-ufficji tas-socjeta` konvenuta gewwa l-Egittu stess; u

Illi s-socjeta` konvenuta, kif jirrizulta mill-*Purchase Conditions* relattivi ghall-emissjoni ta' dawn it-*Traveller's cheques* li kopja taghhom hi hawn annessa u esebita bhala dok. A, obbligat ruhha illi tirrifondi l-valur ta' l-istess f' kaz illi l-imsemmija *cheques* jintilfu; u

Illi minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex tirrifondi l-ammont dovut skond il-kuntratt ta' xiri ta' l-imsemmija *traveller's cheques*, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

L-istess attrici talbet lil din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2522.78), ammont ekwivalenti ghal sebat elef u tmenin dollaru Amerikan (USD 7080), rapprezentanti l-valur ta' *traveller's cheques* mixtrija mill-attrici u sussegwentement mitlufa kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 24 ta' Awissu 1996, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputatiipprezentata fit-23 ta' April 1999 a fol. 11 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi in linea preliminari in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-gudizzju mhux integru;

3. Illi l-esponenti m' humiex edotti mill-fatti u filwaqt illi jirrizervaw li jressqu eccezzjonijiet wara li jkunu hekk edotti, minghajr pregudizzju ghas-suespost jirrispingu t-talbiet tal-attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1998 giet appuntata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi kollha tal-kaz. L-Assistent Gudizzjarju zammet seduta fit-18 ta' Jannar 1999 izda hadd mill-partijiet ma attenda ghaliha.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 1999 quddiem dina l-Qorti l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx provi aktar dwar l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-konvenuti. Il-partijiet intalbu li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, u l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-28 ta' Ottubru 1999.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet a fol. 23 u 28 tal-process.

Rat id-decizzjoni tal-Qorti tat-28 ta' Ottubru 1999 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-atturi tat-8 ta' Frar 2000 fejn permezz taghha prezentaw affidavit u xi dokumenti (fol 42 sa 52 tal-process).

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar 2000, tal-11 ta' April 2000 fejn xehed Louis Borg, tat-23 ta' Mejju 2000, tat-28 ta' Gunju 2000, tat-12 ta' Lulju 2000, tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn xehed Brian Micallef, tat-28 ta' Frar 2001 fejn reggha xehed Brian Micallef u Dr Rachel Monebello ddikjarat li m'ghandiex provi aktar, u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-8 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2001 fejn il-konvenuti msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux nonostance li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-istess konvenuti u ghalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-6 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret mill-attrici peress li akkwistat fis-17 ta' Novembru 1995 minghand is-socjeta` Bank of Valletta Limited (International Division) *traveller's cheques* mahruga mis-socjeta` konvenuta ghall-valur totali ta'

US$7,080 ekwivalenti f'valuta maltija ghall-Lm2522.78 liema *cheques* l-attrici tilfet u ghalkemm ghamlet rapporti relattivi dwar dan il-kaz u skond hi aderixxit ruhha mal-kundizzjonijiet ta' bejgh tal-istess *traveller's cheques* is-socjeta` konvenuta baqghet ma rrifondietx kif kellha l-obbligu li taghmel il-valur ta' l-istess *cheques*.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li tali *traveller's cheques* gew mixtrija mill-attrici mill-fergha tal-Bank of Valletta gewwa Haz-Zebbug ghall-valuri hemm indikati fic-citazzjoni b'dan li l-istess *cheques* kienu ta' denominazzjoni ta' $100 l-wiehed u wara hadithom maghha meta siefret ghall-Egittu fl-20 ta' Novembru 1995 fejn zammhom zewgha li fuq l-ajruplan qeghedhom fil-glekk tieghu.

Illi meta wasslu d-dar t'omm ir-ragel gewwa Alexandria ndunaw li c-*cheques* kienu mitlufa izda peress li l-attrici kienet tqila u ma tiflahx hekk kif fieqet marru ghamlu r-rapport go Alexandria stess fl-ufficcju ta' Thomas Cook u mmedjatament wara ghamlu rapport lill-Pulizija kif jirrizulta minn Dok EA2 u Dok RM rispettivament. Wara li gew Malta irrappurtaw ukoll il-kaz fl-ufficcju ta' Thomas Cook gewwa l-Belt u minn hemm baqghu sejrin Tas-Sliema fejn kellu jsir rapport fl-ufficcju tas-socjeta` konvenuta l-Ingilterra fejn gew infurmati li ma kienx jirrizulta li sa dak in-nhar tar-rapport tali *cheques* gew imsarfa. Marru diversi drabi fl-ufficcju ta' Thomas Cook hawn Malta izda baqghu

ma gewx rifuzi l-istess ammont rikkjest minnhom fic-citazzjoni u ghalhekk saret din l-kawza.

Illi l-attrici rnexxiela tipprova permezz ta' diversi dokumenti esebiti li hija fil-fatt xtrat l-istess *traveller's cheques* tad-denominazzjoni ndikata fic-citazzjoni attrici u tal-valur hemm indikat kif jirrizulta minn Dok AE1 a fol 45 tal-process, Dok RD1 a fol 49 tal-process u Dok RD2 a fol 50 tal-process. Jirrizulta wkoll li l-istess attrici aderixxiet ruhha mal-kondizzjonijiet tal-bejgh ta' l-istess *traveller's cheques* indikati f'Dok A a fol 6 tal-process u dan peress li l-istess *cheques* ma gewx volontarjament rilaxxati minnha, irrapportat it-telf ta' l-istess *cheques* lis-socjeta` konvenuta u ghamlet rapport dwar l-istess ghand il-Pulizija f'Alexandria l-Egittu, ipprovdiet ricevuta ta' l-istess transazzjoni ghall-akkwist ta' l-istess *cheques* lis-socjeta` konvenuta u mliet ukoll ir-*Refund Claim Form* kif jirrizulta minn Dok RD3 a fol 51 tal-process tant li fl-istess formola hemm l-applikazzjoni numru ta' l-istess attrici cioe` Claim Number 33720A u fil-fatt ikkoporat jew kienet lesta biex tikkoopera ghal kull investigazzjoni in konnessjoni mat-telf ta' l-istess *traveller's cheques*.

Illi rrizulta wkoll mid-dokument BM1 a fol 81 sa 83 tal-process li minn tali valur totali ta' US$7080 gew imsarfin minn persuni mhux identifikati l-ammont ta' US$4580 (US$200 imsarfin ghand bank il-Malasja) u l-bqija tat-*traveller's cheques* ma gewx onorati minhabba li ma gietx

adoperata l-procedura korretta u US$500 ma gewx ipprezentati), dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Brian Micallef bhala rapprezentant tas-socjeta` Thomas Cook Malta Limited mir-ricerki li ghamlu l-Ingilterra mas-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u la darba l-attrici aderixxiet ruhha mal-*Purchase Conditions* governanti l-bejgh tal-istess *traveller's cheques* is-socjeta` konvenuta hija obbligata anke skond l-istess kundizzjonijiet sabiex tirrifondi l-valur ta' l-istess *traveller's cheques* lill-attrici, anke peress li l-istess *traveller's cheques* gew iffirmati minnha kif rikjest pero` mhux *countersigned* minnha.

Illi *di piu`* ma saret ebda prova mill-kuraturi deputati li tikkontrasta jew tikkontradixxi l-istess provi attrici u dan minkejja l-fatt li s-socjeta` konvenuta estera ilha li giet infurmata bil-kawza attrici almenu mid-29 t'April 1998 mill-istess kuratur deputat Dr Nives Grixti kif jirrizulta mill-ittra relattiva esebita bhala Dok A a fol 17 tal-process, u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll ma hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talba attrici tigi milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2522.78), ammont ekwivalenti ghal sebat elef u tmenin dollaru Amerikan (USD 7080), rapprezentanti l-valur ta' *traveller's cheques* mixtrija mill-attrici u sussegwentement mitlufa kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 24 ta' Awissu 1996, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**6 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**6 ta' Gunju 2001**